RABAT

*KUNSILL LOKALI RABAT*

* **MINUTI tal-Laqgħa A 03** Data u ħin
**Il-Kumitat Amministrattiv iltaqa' nhar**
**Il-25 ta' Novembru fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċini Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku (Rabat Malta) |
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sja Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sur Franco.M Azzopardi | Segretarju Ezekuttiv |

1.00 **1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech ppropona li l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Aministrattiv tal-Bahrija jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-laqgħa approvat il-minuti.

2.00 **2. Korrezzjonijiet tal-Minuti**

2.01 Is-Sinjura Joan Ann Farrugia talbet li l-kelma Tal-Virtu' ghandha tinqara l-Bahrija.

2.02 Is-Sinjura Joan Ann Farrugia talbet li f'item 3.04 tizdiez is-sentenza – Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea ppropopniet li ssir Triq ir-Rummien peress li hija ta' inkonvinjent kbir ghall-familji li joqghodu go fiha. Ukoll in-numbering ta' l-items 3.04 tinbidel.

2.03 Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea talbet li l-ewwel sentenza ta' 3.05 tigi taqra – Is-Sinjur Joan Ann Farrugia Galea li hu aktar ta' beneficcju ghall-komunita' jekk jigu sottomessi zewg proposti ghaliex b'hekk ikun hemm aktar opportinitajiet u l-Kumitat ikun f'pozizzjoni ahjar li jaghzel. Ukoll tizdied – Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea jekk il-pjanti u l-bills of quantity kinux lesti. Is-Sindku spjega li hu kkuntattja lill-Perit u hi kienet ghada fil-process li tippreparahom. Is-Sinjura Farrugia Galea ssuggerit li peress li l-Membri ma kellhoms ghad-dispozzjoni taghhom il-pjanti u d-dokumenti, il-Membri tal-Kumitat ghandom jiltaqghu wara li

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

l-Perit tkun ipprerparat id-dokumenti sabiex jiddecidu liema progett ghandu jigi sottomess. Peress li kien inidikat li l-preparamenti kollha kienu mistennija li jkunu lesti fil-bidu tal-Gimgha, il-Membri ftehmu li riedu jigu kkuntattjati fil-bidu tal-gimgha ta' wara sabiex jiftehmu data ta' meta jkunu jistghu jiltaqghu.

2.04 Rigward il-punt 6.01 is-Sinjura Farrugia Galea talbet li tizdied it-tieni sentenza – Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea ukoll ikkumentat li l-haxix ta' l-Ghemmieri ma kienx gie maqtugh kollu. Ic-Chairperson ikkonferma li dan kien inqata. Madankollu s-Sinjura Farrugia Galea kkonfermat li dan ma kienx maqtugh u ghalhekk kellhom jittiehdu l-passi neccessarju sabiex dan jigi maqtugh u mnaddaf kollhu. Ic-Chairperson qal li huwa kien ser jiccekkja u filkaz jiehu l-passi neccessarji. Taht l-istess item is-Sinjura Farrugia Galea talbet li tizdied is-sentenza dwar l-iskips – Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea semmiet l-iskips li kienu tpoggew go ghalqa privata fil-Kuncizzjoni. Ic-Chairperson ikkummenta kemm dawn l-iskips kienu qed jigu abbuzati u li dawn ma kinux tpoggew hemmekk b'kapricc. Is-Sinjura Farrugia Galea informat lic-Chairperson li dawn kienu fi propjeta privata u li jkun ta' beneficcju ghall-Kumitat li jevita li jdhol f'kawzi private mar-residenti u ghaldaqstant appellat li dawn ghanhdom jitnehhew minnufih. Ic-Chairperson wieghed li huwa stess kellu jikkuntattja lill-kuntrattur biex inehhijom fil-jiem li gejjin.

2.05 F'6.01 ghandha tizdied wara - ...kien hemm diversi tentattivi fil-passat biex din il-pjazza tigi organizzata kif qal is-Sur Galea. Is-Sinjura Farrugia Galea ssuggerit li jkun ahjar jekk it-Traffic Management jigi kkunsidrat ghall-Bahrija kollha u mhux ghall-area partikolari biss u dan ghandu jsir wara li r-residenti jkunu kkunsultati ghal dan ir-rigward. Il-Membri prezenti qabblu ma dan.

**3.00** **<u>3. Punti Mqajima</u>**

3.01 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech, issugerixxa li ghandu jigi kkunsidrat li ghandhom jigu organizzati l-Parking Spaces sabiex ikun hemm ordni ahjar fiz-zona.

3.02 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech issugerixxa li minflok sigar ghandhom jintuzaw dwarf trees fejn ghandu x'jaqsam mal-progett ta' l-entratura ghall-Bahrija. Lis-Sindku Sandro Craus li l-Pjanta ta' l-entratura ghandha tigi diskussa fil-fond wara li nircievu komunikat mill-Gvern Centrali dwar dan l-istess Progett u allura wara li jigu kkonfermati l-Fondi Specjali. Is-Sur George Attard irrakkommanda li l-area fejn se jsir il-Progett ghandu jkun imnaddaf minn qabel u rrakkommanda li l-Playing Field ghandha tkun fl-istess stat. Is-Sinjura Farrugia Galea ssuggerit li ghandna nikkonfermaw li t-Triq hija pubblika u taqa' taht il-Kunsill Lokali tar- Fondi Specjali

Rabat (M) biex dan il-progett isehh. Ukoll talbet li l-bills of quantities tal-Progett ghandu jitqassam lill-Membri.

4.00 **4. Festa ta' San Martin**

4.01 Ic-Chairman, is-Sur Paul Grech, introduca l-item li jmiss fuq l-Agenda il-Festa ta' San Martin. Hu stieden lill-Membri ghad-diskussjoni miftugha fuq dan is-suggett. Is-Sinjura Farrugia Galea qalet li t-traffiku li jkun diehel lejn il-Bahrija jkun tali li sahansitra jkun ta' inkonvinjent ghar-residenti f'certu hinijiet. Issuggerit li r-residenti ghandhom jibqghu bl-access ghal gol-Bahrija. Is-Sur George Attard li hu membru tal-Kunsill tal-Knisja informa li l-Knisja diga' fethet diskussjonijiet ma' l-Awtorita' tal-Pulizija, partikolarment dwar it-Traffic Management. Is-Sindku Sandro Craus qal li l-problema tat-traffikku tkun partikolari f'Jum il-Festa u ghaldaqstant qal li hu jkun lest li jiltaqa' ma' l-Ispettur tal-Pulizija biex b'mod holistiku tigi ttrattata l-problema li tinqala' f'Jum il-Festa minhabba t-traffikku li jkun diehel fil-Bahrija. Hu qal li d-dhul ghal gol-Bahrija jsir minn Triq is-Sajf ta' San Martin u l-hrug minn Wied Rini ghall-Imtahleb u 'l barra lejn ir-Rabat. Fejn mehtieg jinqata' l-haxix hazin biex jiffacilizza l-moghdijja tat-traffiku minghajr inkonvinjent ghas-sewwieqa. Festa ta' San Martin

4.02 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech, issugerixxa li l-Bahrija ghandha tiehu sehem f'Gimgha Rabat billi tittella' xi attivita' matul Gimgha Rabat li tkun iddedikata ghall-Bahrija u organizzata mir-residenti tal-Bahrija gol-Bahrija. Is-Sindku Sandro Craus ippropona li attivita' li taqa' taht il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija ghandha tkun kompetizzjoni ta' inbid fejn ikun hemm kompetizzjoni mid-dilettanti ta' l-inbid u l-Kunsill jaghmel tajjeb ghat-trophies tar-rebbiegha. Is-Sindku Craus issugerixxa li din hija bicca xoghol li jista' jorganizza s-Sur Anglu Portelli kif ghamel diversi drabi. Is-Sindku Sandro Craus qal li l-Kunsill Lokali tar-Rabat jixtri ammont konsiderevoli ta' kotba u dawn jigu moghtija lill-iskola tal-Bahrija. Is-Sindku Craus kien ha l-inizjattiva li minflok issir ikla u riciviment ghall-Impjegati, Kunsilliera u Kuntratturi, hu bl-istess flus jintefqu f'kotba ghall-beneficcju tat-tfal taghna. Ghaldaqstant hu rrakkommanda li l-Fondi li jingabru minn din l-attivita' ghandhom imorru ghall-ghan nobbli bhal dan ghat-tgawdija tat-tfal tal-Bahrija. Is-Sindku Craus ippropona li ghal kull flixkun inbid li jidhol ikun hemm kontribuzzjoni ta' €5 liema fondi morru ghall-beneficcju ghat-tfal Bahrin kif indikat hawn fuq. Il-Membru s-Sur Anglu Portelli fakkar li jkun hemm l-ispiza biex jinxtraw it-tazzi ghall-Wine Tasting waqt il-kompetizzjoni. Is-Sindku Sandro Craus qal li attivita' bhal din tirrikjedi pubblicita' kbira biex tigbed il-Bahrin, ir-Rabtin u ohrajn dilettatni ta' l-inbid biex jippartecipaw f'din l-attivita'. L-iskop ta' Wine Tasting

din l-attivita' ghandha ssir haga annwali. Gie diskuss meta ghandha ssir din l-attivita'. Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea li m'ghandiex issir f'Jum il-Festa. Is-Sur Anglu Portelli rrakkommanda l-Gimgha filghaxija waqt li c-Chairman, s-Sur Paul Grech issugerixxa li ssir il-Gimgha ta' qabel tmiem il-gimgha tal-Festa ta' San Martin. Is-Sindku Sandro Craus qal li din l-inizjattiva ghandha tippromwovi lill-Bahrija u sahansitra tikkompeti ma' rhula fejn jinzammu kompetizzjonijiet ta' l-inbid. Is-Sinjura Farrugia Galea qalet li l-inbid li jikkompeti jista' jigi rkantat u l-Fondi li jingabru jkomplu jkattru l-Fond b'risq it-tfal tal-Bahrija. Is-Sindku Sandro Craus ippropona lill-Kumitat Amministrattiv biex jitkellem ma' l-iskola bi skop li l-iskola tipprepara xi ikel zghir ghal waqt il-Wine Tasting. Kompla biex qal li waqt li kienet tkun ideja tajba li tintuza l-iskola biex issir din l-attivita', minhabba li l-iskola u l-alkohol ma jmorrux flimkien, il-Kumitat Amministrattiv ghandu jfittex post alternattiv fil-Bahrija fejn din tista' tittella'. Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech qal li l-gurnata ta' l-attivita' ghandha tkun is-6 ta' Novembru 2010.

5.00 **<u>5. Xoghlijiet fil-Bahrija</u>**

5.01 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech habbar li l-Kuntrattur tat-tbattil tal-fossa inbidel u jidher li qed jaghti servizz ahjar milli kien jinghata fil-passat. Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea rrakkommandat li fil-laqgha mas-Segretarju Parlamentari Chris Said ghandna nqajjmu din il-kwistjoni li l-Bahrija m'hemmx sistema ta' drenagg u ghalhekk l-importanza li l-fossos jinzammu nodfa u mbattla regolari. Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech informa li din il-laqgha ha tkun marbuta mal-Progett Vizjoni 2015 u ghaldaqstant ghandna nharsu f'dik id-direzzjoni meta nitlaqghu ma Dr. Said. Fossa

5.02 Is-Sur Paul Galea rrakkommanda li mal-Festa ta' San Martin il-Kumitat Amministrattiv flimkien mal-Kunsill Lokali tar-Rabat Malta joffru bukett ta' fjuri ghall-festa.

5.03 Ic-Chairperson, is-Sur Grech irrakkommanda li l-iskips ghandhom jitpoggew fi Triq is-Sajf ta' San Martin ghall-uzu tar-residenti tal-Bahrija. Is-Sindku Sandro Craus informa l-laqgha li tpoggew Wardens fi Triq l-Iskola biex jipprovdu zona bla periklu ghat-tfal Bahrin waqt li jkunu dehlin u hergin mill-iskola. Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech informa l-laqgha li kien sar jaf min kien qieghed jarmi materjal wara l-hajt tas-sejjieh biswit l-iskips u dan gibed l-attenzjoni ta' din il-persuna biex tigi evitata azzjoni ohra kontra tieghu. Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea qalet li wara l-festa jsir it-tindif neccessarju. Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech informa li t-tindif diga' sar mill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Skips

5.04 Is-Sur Anglu Farrugia staqsa rigward it-tnehhija tal-Blata mid-dahla ghall-Bahrija. Qtugh ta' haxix

Is-Sindku Sandro Craus ikkonferma li harget l-ordni tax-xoghol u ghandha titlesta qabel il-Festa ta' San Martin. Is-Sur Portelli wkoll qal li hu neccessarju li jinqata' l-haxix madwar il-Knisja u fi Triq il-Girna. Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech informa li x-xoghol ta' tindif u qtugh ta' haxix minn Wied Rini sa' l-Imtahleb ikun sar sa qabel il-Festa ta' San Martin.

5.05 Is-Sinjura Joan Ann Farrugia Galea sostniet li thoss li l-allokazzjoni ta' 22% tas-Salarji huma hafna meta gew allokkati ghall-Fondi tal-Bahrija. Is-Sindku Sandro Craus informa li r-rizultat ta' din il-figura huwa ta' studju profond ta' l-attivita' biex isservi l-bzonnijiet tal-Bahrija mill-Impjegati tal-Kunsill. Hu kompla biex qal li l-Bahrija tinkludi maghha partijiet rurali li huma sostanzjali u li ghandhom bzonn hafna attenzjoni apparti manutenzjoni. Is-Sindku Sandro Craus offra li jekk il-Kumitat ikun lest li jimpjega u direttament u jistabilixxi ufficcju hu jkun lest li jaqbel ma din il-proposta. Biss skond il-kalkoli li saru, biex issir din il-haga jridu jitnaqqsu attivitajiet ohra ghad-detriment ta' Progetti ta' fejda ghall-Bahrija. Allokazzjoni

5.06 Is-Sur George Attard talab informazzjoni dwar xoghol ta' patching u izjed dwar il-Policy tal-Kunsill dwar il-patching. Is-Sindku Craus informa li l-Kunsill Lokali tar-Rabat addotta kemm jista' jkun patching jsir f'kazijiet ta' emergenza u ta' bzonn urgenti u minflok jsiru sistemi ta' ucuh godda jew extended patches li kapaci jaghtu numru ta' snin minghajr manutenzjoni. Ezempju bhal dan huwa t-Triq tal-Kuncizzjoni, it-Triq li taghti ghal-Landrijiet u issa t-telgha tas-Salib fejn giet ipparttikata din is-sistema ta' wicc gdid. Patching

5.07 Is-Sur Anglu Portelli, irrakkommanda li l-Wied tal-Marga ghandu jitnaddaf. Ghal dan il-ghan ghandu jsir komunikat u laqgha mas-Sur Joe Borda fuq dan is-suggett. Wied tal-Marga

6.00 **6. Affarijiet Ohra**

6.01 Minhabba li dan is-suggett gie ezawrit fil-punti hawn fuq imsemmija, ic-Chairperson is-Sur Paul Grech ghadda ghall-aggornament tal-laqgha.

7.00 **7. Aggornament**

7.01 Minhabba li l-agenda giet ezawrita l-laqgha giet aggornata fid-9.30 pm. Aggornament

Paul Grech

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Franco.M Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**